**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2018**

P8_TA(2018)0332

## L-ugwaljanza tal-lingwi fl-era diġitali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2018 dwar l-ugwaljanza tal-lingwi fl-era diġitali (2018/2028(INI))**

(2019/C 433/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 21(1) u 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2003 għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ([2]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabilità u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA[2]) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 dwar strateġija Ewropea għall-multilingwiżmu (2008/C 320/01) ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UN CRPD), irratifikata mill-UE fl-2010,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2008 intitolata "Il-Multilingwiżmu: vantaġġ għall-Ewropa u impenn komuni" (COM(2008)0566),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 intitolata "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM(2010)0245),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2012 intitolata "Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi online" (COM(2011)0942),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 intitolata "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Aġenda Diġitali għall-Ewropea" (COM(2010)0245) ([6]),

---

([1]) ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90.
([2]) ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1.
([4]) ĠU C 320, 16.12.2008, p. 1.
([5]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965.
([6]) ĠU C 54, 19.2.2011, p. 58.

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni dwar il-Promozzjoni u l-Użu tal-Multilingwiżmu u l-Aċċess Universali għaċ-Ċiberspazju adottata mill-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO fit-32 sessjoni tagħha f'Pariġi fil-15 ta' Ottubru 2003,

— wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Speċjali 386 "L-Ewropej u l-Lingwi tagħhom" ippubblikat f'Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002 (SN 100/1/02 REV 1),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 1988 dwar il-lingwi tas-sinjali għall-persuni neqsin mis-smigħ ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2004 dwar "Il-preservazzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali: ir-rwol tar-reġjuni Ewropej u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa" ([8]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2003 dwar "Lingwi Ewropej reġjonali u li jintużaw anqas – l-ilsna tal-minoranzi fl-UE – fil-kuntest tat-tkabbir u tad-diversità kulturali" ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar il-multilingwiżmu: vantaġġ għall-Ewropa u impenn komuni ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE ([12]),

— wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) u tal-Unità tal-Prospettiva Xjentifika (STOA) intitolat "L-ugwaljanza tal-lingwi fl-era diġitali – Lejn Proġett tal-Lingwi Umani", ippubblikat f'Marzu 2017,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0228/2018),

A. billi t-teknoloġiji tal-lingwi jistgħu jagħmlu l-komunikazzjoni aktar faċli għall-persuni torox u b'diffikultajiet ta' smigħ, għall-persuni għomja u b'vista batuta u għall-persuni b'dislessija, u billi, għall-finijiet ta' dan ir-rapport, "it-teknoloġija tal-lingwa" tirreferi għal teknoloġija li tirfed mhux biss il-lingwi mitkellma, iżda wkoll il-lingwi tas-sinjali, fl-għarfien li l-lingwi tas-sinjali huma element importanti tad-diversità lingwistika tal-Ewropa;

B. billi l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-lingwa (TL) jkopri bosta oqsma ta' riċerka u dixxiplini, fosthom il-lingwistika komputazzjonali, l-intelliġenza artifiċjali, ix-xjenza tal-informatika u l-lingwistika, b'applikazzjonijiet bħall-ipproċessar tal-lingwi naturali, l-analitika tat-testi, it-teknoloġija tat-taħdit u l-estrazzjoni tad-data, fost oħrajn;

C. billi, skont ir-rapport tal-Ewrobarometru Speċjali 386 intitolat "L-Ewropej u l-Lingwi Tagħhom", ftit aktar minn nofs (54 %) tal-Ewropej huma kapaċi jżommu konversazzjoni għaddejja b'tal-anqas lingwa waħda addizzjonali, kwart (25 %) jafu jitkellmu b'tal-anqas żewġ lingwi addizzjonali u wieħed minn kull għaxra (10 %) jafu tal-anqas tliet lingwi;

D. billi hemm 24 lingwa uffiċjali u aktar minn 60 lingwa nazzjonali, reġjonali u minoritarja fl-Unjoni Ewropea, minbarra l-lingwi tal-migranti u, taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), id-diversi lingwi tas-sinjali li jgawdu rikonoxximent statali; billi l-multilingwiżmu huwa wieħed mill-akbar assi tad-diversità kulturali fl-Ewropa, u fl-istess ħin, jirrappreżenta waħda mill-aktar sfidi sinifikanti għall-ħolqien ta' suq tal-UE tassew integrat;

([7]) ĠU C 187, 18.7.1988, p. 236.
([8]) ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 322.
([9]) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 374.
([10]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 59.
([11]) ĠU C 93, 9.3.2016, p. 52.
([12]) Testi adottati, P8_TA(2018)0032.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2018**

E. billi l-apoġġ għall-komunitajiet lokali, bħal dawk indiġeni, rurali jew imbiegħda, biex jegħlbu l-ostakli ġeografiċi, soċjali u ekonomiċi għall-aċċess għall-broadband huwa prerekwiżit kruċjali għal politika effiċjenti tal-UE rigward il-multilingwiżmu;

F. billi l-multilingwiżmu jaqa' fl-ambitu ta' sensiela ta' oqsma ta' politika tal-UE, fosthom il-kultura, l-ekonomija, is-suq uniku diġitali, it-tagħlim tul il-ħajja, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, il-kompetittività, iż-żgħażagħ, is-soċjetà ċivili, il-mobilità, ir-riċerka u l-midja; billi jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għat-twarrib tal-ostakli għad-djalogu bejn il-kulturi u bejn il-lingwi, u għal stimoli għall-komprensjoni reċiproka;

G. billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-Suq Uniku Diġitali jrid ikun multilingwi; billi ma ġiet proposta l-ebda politika komuni tal-UE biex tindirizza l-problema tal-ostakli lingwistiċi;

H. billi t-teknoloġiji tal-lingwa jintużaw f'tista' tgħid il-prodotti u s-servizzi diġitali kollha ta' kuljum, minħabba li l-parti l-kbira tagħhom jużaw il-lingwa fi gradi differenti, speċjalment il-prodotti kollha relatati mal-internet bħalma huma magni ta' tiftix, networks soċjali u servizzi tal-kummerċ elettroniku billi l-użu tat-teknoloġiji tal-lingwa għandu impatt ukoll fuq setturi ta' importanza fundamentali għall-benessri ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej, bħal dawk tal-edukazzjoni, tal-kultura u tas-saħħa;

I. billi l-kummerċ elettroniku transfruntiera huwa baxx ħafna, hekk li fl-2015 biss 16 % taċ-ċittadini Ewropej xtraw online minn pajjiżi oħra tal-UE; billi t-teknoloġiji tal-lingwa jistgħu jikkontribwixxu għal komunikazzjoni transfruntiera u translingwistika fl-Ewropa tal-ġejjieni, jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku u lill-istabilità soċjali u jnaqqsu l-ostakli naturali, u b'hekk jirrispettaw u jippromwovu l-koeżjoni u l-konverġenza u jsaħħu l-kompetittività tal-UE madwar id-dinja;

J. billi l-iżvilupp teknoloġiku qed jibbaża dejjem aktar fuq il-lingwi u għandu konsegwenzi għat-tkabbir u għas-soċjetà; billi hemm ħtieġa urġenti ta' politiki li jkunu aktar konxji mil-lingwa, u ta' riċerka u edukazzjoni teknoloġika, iżda anke ġenwinament multidixxiplinari, dwar il-komunikazzjoni diġitali u t-teknoloġiji tal-lingwa u dwar ir-relazzjoni tagħhom mat-tkabbir u mas-soċjetà;

K. billi t-twettiq tal-objettiv ta' Barċellona li ċ-ċittadini jkunu kapaċi jikkomunikaw tajjeb bil-lingwa materna tagħhom u b'żewġ lingwi oħra jkun ifisser li n-nies ikollhom aktar opportunitajiet biex jaċċedu għall-kontenuti kulturali, edukattivi u xjentifiċi fil-forma diġitali u jipparteċipaw bħala ċittadini, minbarra li jaċċedu għas-suq uniku diġitali; billi mezzi u għodod addizzjonali, speċjalment dawk ipprovduti mit-teknoloġiji tal-lingwa, huma essenzjali għall-ġestjoni tajba tal-multilingwiżmu Ewropew u għall-promozzjoni tal-multilingwiżmu tal-individwi;

L. billi saru avvanzi sostanzjali fl-intelliġenza artifiċjali, u billi t-teknoloġiji tal-lingwa żviluppaw b'pass mgħaġġel; billi l-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-lingwa toffri opportunitajiet ġodda għall-komunikazzjoni diġitali, għall-komunikazzjoni mtejba diġitalment, għall-komunikazzjoni abilitata bit-teknoloġija, u għall-kooperazzjoni bil-lingwi Ewropej kollha (u lil hinn minnhom), hekk li kelliema ta' lingwi differenti jkollhom aċċess ugwali għall-informazzjoni u għall-għarfien, u li l-funzjonalitajiet tan-networks tal-IT jittejbu;

M. billi l-valuri komuni Ewropej ta' kooperazzjoni, solidarjetà, ugwaljanza, rikonoxximent u rispett għandhom ifissru li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess sħiħ u ugwali għat-teknoloġiji diġitali, b'mod li mhux biss jittejbu l-koeżjoni u l-benessri fl-Ewropa, imma wkoll li jiġi abilitat Suq Uniku Diġitali u multilingwi;

N. billi d-disponibilità ta' għodod teknoloġiċi bħal-logħob tal-kompjuter jew l-applikazzjonijiet edukattivi b'lingwi minoritarji u li jintużaw anqas hija ċentrali għall-iżvilupp tal-ħiliet lingwistiċi, speċjalment fost it-tfal;

O. billi jeħtieġ li dawk li jitkellmu b'lingwi Ewropej li jintużaw anqas ikunu jistgħu jesprimu ruħhom b'modi li jkollhom sinifikat kulturali u li joħolqu l-kontenuti kulturali proprji tagħhom bil-lingwi lokali;

P. billi l-feġġ ta' metodi bħat-tagħlim profond, imsejsa fuq it-tkattir tal-kapaċità komputazzjonali u fuq l-aċċess għal ammonti enormi ta' data, qed jagħmel it-teknoloġiji tal-lingwa soluzzjoni reali għall-għelib tal-ostakli lingwistiċi;

Q. billi l-ostakli lingwistiċi għandhom effett konsiderevoli fuq il-bini tal-identità Ewropea u fuq il-ġejjieni tal-proġett tal-integrazzjoni Ewropea; billi t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-politiki tal-UE għandhom jiġu kkomunikati liċ-ċittadini tal-UE bl-ilsien nattiv tagħhom, sew online u sew offline;

R. billi l-lingwa tirrappreżenta parti kbira ħafna tal-ġid dejjem jikber tal-big data;

S. billi ammont enormi ta' data huwa espress f'lingwi umani; billi l-ġestjoni tat-teknoloġiji tal-lingwa tista' tagħti lok għal firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi innovattivi tal-IT fl-industrija, fil-kummerċ, fil-gvern, fir-riċerka, fis-servizzi pubbliċi u fl-amministrazzjoni, filwaqt li tnaqqas l-ostakli naturali u l-ispejjeż tas-suq;

***L-ostakli kurrenti għall-ilħiq tal-ugwaljanza tal-lingwi fl-era diġitali fl-Ewropa***

1. Jiddispjaċih li, minħabba n-nuqqas ta' politiki adegwati, bħalissa fl-Ewropa d-distakk teknoloġiku bejn il-lingwi mogħnija b'biżżejjed riżorsi u dawk li għandhom anqas riżorsi qiegħed jikber, sew jekk tal-aħħar humiex lingwi uffiċjali, kouffiċjali jew mhux uffiċjali fl-UE; jiddispjaċih, barra minn hekk, għall-fatt li aktar minn 20 lingwa Ewropea jinsabu fil-periklu tal-estinzjoni diġitali; jinnota li l-UE u l-istituzzjonijiet tagħha għandhom id-dmir li jtejbu, jippromwovu u jħaddnu d-diversità lingwistika fl-Ewropa;

2. Jirrimarka li, matul l-aħħar għaxar snin, it-teknoloġija diġitali kellha impatt sinifikanti fuq l-evoluzzjoni tal-lingwi, impatt li l-evalwazzjoni tiegħu għadha diffiċli; jirrakkomanda li min ifassal il-politiki jikkunsidra serjament studji li juru li l-komunikazzjoni diġitali qed tnaqqar il-ħiliet tal-qari fost l-adulti żgħażagħ, b'mod li jwassal għal barrieri ta' grammatika u ta' litteriżmu bejn il-ġenerazzjonijiet u għal ftaqir ġenerali tal-lingwi; huwa tal-fehma li l-komunikazzjoni diġitali għandha taqdi biex twessa', tarrikkixxi u tavvanza l-lingwi, u li dawn l-iżviluppi għandhom ikunu riflessi fl-edukazzjoni għal-litteriżmu u fil-politiki nazzjonali tal-litteriżmu;

3. Jenfasizza li lingwi Ewropej li jintużaw anqas għandhom żvantaġġ sinifikanti minħabba nuqqas akut ta' għodod, riżorsi u finanzjament għar-riċerka, li qed jirrestrinġi u jċekken l-ambitu tax-xogħol tar-riċerkaturi li, anke meta jkollhom il-ħiliet teknoloġiċi meħtieġa, ma jkunux jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mit-teknoloġiji tal-lingwa;

4. Jinnota d-distakk diġitali bejn il-lingwi li jintużaw fil-wisa' u dawk li jintużaw anqas, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni dejjem akbar tas-soċjetà Ewropea, fatturi li qed iwasslu għal disparitajiet f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-informazzjoni, b'mod partikolari għall-persuni bi ftit ħiliet, għall-anzjani, għal dawk bi dħul baxx u għal dawk minn sfondi żvantaġġati; jenfasizza li l-inugwaljanza titnaqqas jekk il-kontenut isir disponibbli b'diversi lingwi tal-UE;

5. Jinnota li, filwaqt li għandha bażi xjentifika soda fl-inġinerija u fit-teknoloġiji tal-lingwa, u fi żmien meta dawn tal-aħħar jikkostitwixxu opportunità enormi, kemm mil-lat ekonomiku u kemm minn dak kulturali, l-Ewropa għadha lura ħafna, minħabba l-frammentazzjoni tas-suq, investiment inadegwat fl-għarfien u fil-kultura, nuqqasijiet fil-koordinament tar-riċerka, finanzjament insuffiċjenti u ostakli legali; jinnota wkoll li s-suq bħalissa jiddominawh atturi mhux Ewropej, li mhumiex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' Ewropa multilingwi; jirrileva l-ħtieġa li din il-paradigma tinbidel u li r-rwol mexxej tal-Ewropa fit-teknoloġiji tal-lingwa jissaħħaħ billi jinħoloq proġett imfassal apposta għall-ħtiġijiet u għad-domanda tal-Ewropa;

6. Jinnota li t-teknoloġiji tal-lingwa jsiru disponibbli l-ewwel bl-Ingliż; huwa konxju li l-manifatturi u l-kumpaniji Ewropej u dinjija kbar spiss jiżviluppaw it-teknoloġiji tal-lingwa wkoll għal-lingwi Ewropej ewlenin li għandhom swieq relattivament kbar: l-Ispanjol, il-Franċiż u l-Ġermaniż (dawn il-lingwi diġà huma nieqsa minn riżorsi f'ċerti oqsma sekondarji); jenfasizza, madankollu, li għandha tittieħed azzjoni ġenerali fil-livell tal-UE (politika, finanzjament, riċerka u edukazzjoni) biex tiżgura li jiġu żviluppati teknoloġiji tal-lingwa għal-lingwi uffiċjali tal-UE li ma tantx huma mitkellma u li jinbdew azzjonijiet speċjali fil-livell tal-UE (politika, finanzjament, riċerka u edukazzjoni) biex il-lingwi reġjonali u minoritarji jiġu inklużi u inkuraġġuti f'dan l-iżvilupp;

7. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir użu aħjar ta’ approċċi teknoloġiċi ġodda, imsejsa fuq aktar qawwa komputazzjonali u aċċess aħjar għal ammonti mdaqqsa ta’ data, sabiex jitrawwem l-iżvilupp tan-networks newronali tat-tagħlim profond li qed jagħmlu t-teknoloġiji tal-lingwa umana (HLTs) soluzzjoni reali għall problema tal-ostakoli lingwistiċi; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tissalvagwardja biżżejjed finanzjament biex tappoġġja dan l-iżvilupp teknoloġiku;

8. Jinnota li l-lingwi b’anqas kelliema jeħtieġu appoġġ adatt minn għadd ta’ partijiet ikkonċernati, inklużi disinji tat-tipa għall-marki dijakritiċi, manifatturi tat-tastieri u sistemi tal-ġestjoni tal-kontenuti, biex ikunu jistgħu jaħżnu, jipproċessaw u juru l-kontenuti b’dawn il-lingwi; jitlob li l-Kummissjoni tivvaluta kif dan l-appoġġ jista’ jiġi instigat u kif jista’ jiġi rrakkomandat fil-proċess ta’ akkwist fi ħdan l-UE;

9. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-użu ta’ għadd ta’ lingwi fis-servizzi diġitali, bħall-applikazzjonijiet tal-mobile;

10. Jinnota bi tħassib li s-Suq Uniku Diġitali għadu frammentat minħabba għadd ta’ ostakli, fosthom ostakli lingwistiċi, b’mod li jfixkel il-kummerċ online, il-komunikazzjoni permezz tan-networks soċjali u kanali ta’ komunikazzjoni oħra, u l-iskambju transfruntier ta’ kontenuti kulturali, kreattivi u awdjoviżivi, kif ukoll l-użu aktar mifrux ta’ servizzi pubbliċi pan-Ewropej; jenfasizza li d-diversità kulturali u l-multilingwiżmu fl-Ewropa jistgħu jibbenefikaw mill-aċċess transfruntier għall-kontenut, b’mod partikolari għal finijiet edukattivi; jitlob li l-Kummissjoni tiżviluppa strateġija robusta u koordinata għas-Suq Uniku Diġitali multilingwi;

11. Jinnota li t-teknoloġiji tal-lingwa bħalissa ma għandhom l-ebda rwol fl-aġenda politika Ewropea, minkejja l-fatt li r-rispett għad-diversità lingwistika huwa minqux fit-Trattati;

12. Ifaħħar ir-rwol importanti ta’ networks ta’ riċerka preċedenti ffinanzjati mill-UE, bħal FLaReNet, CLARIN, HBP u META-NET (inkluż META-SHARE) talli kienu minn ta’ quddiem fil-bini ta’ pjattaforma Ewropea tat-teknoloġiji tal-lingwa;

***It-titjib tal-qafas istituzzjonali għal politiki tat-teknoloġiji tal-lingwa fil-livell tal-UE***

13. Jitlob li l-Kunsill ifassal rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni, inkluż fl-isfera tat-teknoloġiji tal-lingwa;

14. Jirrakkomanda li, sabiex tagħti aktar prominenza lit-teknoloġiji tal-lingwa fl-Ewropa, il-Kummissjoni talloka l-qasam ”multilingwiżmu u teknoloġiji tal-lingwa” lill-portafoll ta’ Kummissarju; iqis li l-Kummissarju responsabbli għandu jingħata l-kompitu li jippromwovi d-diversità u l-ugwaljanza tal-lingwi fil-livell tal-UE, fid-dawl tal-importanza tad-diversità lingwistika għall-futur tal-Ewropa;

15. Jissuġġerixxi li s-60 lingwa reġjonali u minoritarja jiġu żgurati protezzjoni legali fil-livell tal-UE, flimkien ma’ rikonoxximent tad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi fid-dinja diġitali, u tagħlim bil-lingwa nattiva għal dawk li jitkellmu bil-lingwi uffiċjali u mhux uffiċjali tal-UE;

16. Lil dawk l-Istati Membri li diġà żviluppaw b’suċċess l-istrateġiji ta’ politika tagħhom fil-qasam tat-teknoloġiji tal-lingwa, iħeġġiġhom jaqsmu l-esperjenzi u l-prattiki tajbin mal-oħrajn biex jgħinu lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali oħra jiżviluppaw l-istrateġiji proprji tagħhom;

17. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki komprensivi relatati mal-lingwi, jallokaw riżorsi u jużaw għodod xierqa biex jippromwovu u jiffaċilitaw id-diversità lingwistika u l-multilingwiżmu fl-isfera diġitali; jenfasizza r-responsabilità konġunta tal-UE u tal-Istati Membri, flimkien mal-universitajiet u mal-istituzzjonijiet pubbliċi oħrajn, li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-lingwi tagħhom fid-dinja diġitali u fl-iżvilupp ta’ bażijiet tad-data u ta’ teknoloġiji tat-traduzzjoni għal-lingwi kollha tal-UE, inklużi l-lingwi li ma tantx huma mitkellma; jitlob li jkun hemm koordinament bejn ir-riċerka u l-industrija, bl-objettiv komuni li jissaħħu l-possibilitajiet diġitali għat-traduzzjoni tal-lingwi u b’aċċess miftuħ għad-data meħtieġa għal avvanzi teknoloġiċi;

18. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji u azzjonijiet ta’ politika li jiffaċilitaw il-multilingwiżmu fis-suq diġitali; f’dan il-kuntest, jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiddefinixxu r-riżorsi lingwistiċi minimi li l-lingwi Ewropej kollha għandu jkollhom biex jevitaw l-estinzjoni diġitali, bħalma huma settijiet ta’ data, lessiki, reġsitrazzjonijiet ta’ taħdit, memorji tat-traduzzjoni, korpora annotati u kontenuti enċiklopediċi;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2018**

19. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra li toħloq ċentru għad-diversità lingwistika li jsaħħaħ il-kuxjenza dwar l-importanza tal-lingwi li jintużaw anqas u tal-lingwi reġjonali u minoritarji, inkluż fl-isfera tat-teknoloġiji tal-lingwa;

20. Jitlob li l-Kummissjoni tirrevedi l-Istrateġija Qafas għall-Multilingwiżmu tagħha u tipproponi pjan ta' azzjoni ċar dwar il-promozzjoni tad-diversita lingwistika u l-għelib tal-ostakli lingwistiċi fil-qasam diġitali;

21. Jitlob li l-Kummissjoni tagħti prijorità lit-teknoloġiji tal-lingwa f'dawk l-Istati Membri li huma ta' daqs żgħir u li għandhom lingwa tagħhom, biex tagħti importanza lill-isfidi lingwistiċi li jiffaċċjaw;

22. Jitlob li l-Kummissjoni tappoġġja finanzjarjament is-sottotitolar, id-doppjaġġ, u t-traduzzjoni ta' logħob tal-kompjuter u ta' applikazzjonijiet tas-software b'lingwi minoritarji u li jintużaw anqas;

23. Jenfasizza l-ħtieġa li d-distakk teknoloġiku bejn il-lingwi jitnaqqas permezz tat-tisħiħ tal-għarfien u t-trasferiment tat-teknoloġiji;

24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri joħorġu b'modi effikaċi biex iseddqu l-lingwi nattivi tagħhom;

***Rakkomandazzjonijiet għall-politiki tal-UE dwar ir-riċerka***

25. Jitlob li l-Kummissjoni tistabbilixxi programm koordinat ta' finanzjament fuq skala kbira u fit-tul għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tal-lingwa, fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali, imfassla speċifikament għall-ħtiġijiet u d-domanda tal-Ewropa; jenfasizza li l-programm għandu jkollha l-għan li jittratta l-fehim profond tal-lingwa naturali u li jkabbar l-effiċjenza permezz tal-iskambju ta' għarfien, infrastrutturi u riżorsi, bil-ħsieb li jiżviluppa teknoloġiji u servizzi innovattivi ħalli jkun jista' jsir l-avvanz xjentifiku li jmiss f'dan il-qasam, u jgħin biex jitnaqqas id-distakk teknoloġiku bejn il-lingwi Ewropej; jenfasizza li dan għandu jsir bil-parteċipazzjoni ta' ċentri tar-riċerka, id-dinja akkademika, l-intrapriżi (speċjalment SMEs u start-ups) u partijiet interessati rilevanti oħra; jenfasizza wkoll li dan il-proġett għandu jkun miftuħ, ibbażat fil-cloud u interoperabbli, u għandu jipprovdi għodod bażiċi li jkunu jistgħu jitħaddmu fuq skali differenti u jkollhom prestazzjoni tajba, għal diversi applikazzjonijiet tat-teknoloġiji tal-lingwa;

26. Jemmen li l-integraturi tal-ICT fl-UE għandhom jingħataw inċentivi ekonomiċi sabiex jaċċeleraw il-provvista ta' servizzi bbażati fil-cloud, sabiex it-teknoloġiji tal-lingwa umana ikun jistgħu jiġu integrati bla xkiel fl-applikazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku tagħhom, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-SMEs igawdu mill-benefiċċji tat-traduzzjoni awtomatizzata;

27. Jenfasizza li l-Ewropa jeħtiġilha tiżgura l-pożizzjoni ta' tmexxija tagħha fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-lingwi; ifakkar li l-kumpaniji tal-UE huma fl-aħjar pożizzjoni biex jipprovdu soluzzjonijiet adattati għall-ħtiġijiet kulturali, soċjetali u ekonomiċi speċifiċi tagħna;

28. Jemmen li programmi speċifiċi fi ħdan l-iskemi ta' finanzjament tal-lum, bħal Orizzont 2020, kif ukoll il-programmi ta' finanzjament li jiġu wara, għandhom jagħtu spinta lir-riċerka bażika mifruxa fuq medda twila kif ukoll lit-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġiji bejn il-pajjiżi u r-reġjuni;

29. Jirrakkomanda li tinħoloq pjattaforma teknoloġika tal-lingwi Ewropej, b'rappreżentanti minn kull lingwa Ewropea, li permezz tagħha jkun jista' jsir qsim ta' riżorsi, servizzi u pakketti ta' kodiċi open source relatati mat-teknoloġiji tal-lingwa, b'mod partikolari bejn l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka, filwaqt li tiżgura li kwalunkwe skema ta' finanzjament tkun tista' sew taħdem mal-komunità open source u tkun aċċessibbli għal dik il-komunità;

30. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti jew estiżi proġetti bħal, fost oħrajn, il-Proġett tad-Diversità tal-Lingwi Diġitali, li jwettqu riċerka dwar il-ħtiġijiet diġitali tal-lingwi Ewropej kollha, minn dawk b'għadd żgħir ta' kelliema sa dawk b'numri kbar ħafna ta' kelliema, biex id-distakk diġitali jiġi indirizzat u biex dawn il-lingwi jiġu megħjuna jħejju għal futur diġitali sostenibbli;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2018**

31. Jirrakkomanda li jsir aġġornament tas-sensiela ta' white papers ta' META-NET, stħarriġ pan-Ewropew ippubblikat fl-2012 dwar l-istatus tar-riżorsi tat-teknoloġiji tal-lingwa għall-ilsna Ewropej kollha u dwar informazzjoni rigward ostakli lingwistiċi u politiki marbuta mat-tema, biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu vvalutati u żviluppati politiki dwar it-teknoloġiji tal-lingwa;

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma ta' finanzjament ta' teknoloġiji tal-lingwa umana, ibbażata fuq l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, l-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropea (FNE); iqis, barra minn hekk, li l-Kummissjoni għandha tagħmel enfasi fuq l-oqsma ta' riċerka meħtieġa biex jiżguraw fehim profond tal-lingwa, bħal-lingwistika komputazzjonali, il-lingwistika, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji tal-lingwa, ix-xjenza tal-informatika u x-xjenza konjittiva;

33. Jirrimarka li l-lingwa tista' tkun ostaklu għat-trasferiment tal-għarfien xjentifiku; jinnota li l-maġġoranza tal-ġurnali xjentifiċi influwenti ħafna jippubblikaw bil-lingwa Ingliża, fatt li jwassal għal bidla maġġuri fil-ħolqien u d-distribuzzjoni tal-għarfien akkademiku; jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni tal-għarfien jiġu riflessi fil-politiki u l-programmi Ewropej ta' riċerka u innovazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfittex soluzzjonijiet biex tiżgura li l-għarfien xjentifiku jsir disponibbli b'lingwi oħra għajr il-lingwa Ingliża, u tappoġġja l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali għal-lingwi naturali;

***Politiki tal-edukazzjoni biex itejbu l-ġejjieni tat-teknoloġiji tal-lingwa fl-Ewropa***

34. Jemmen li, minħabba s-sitwazzjoni tal-lum fejn is-suq tat-teknoloġiji tal-lingwa jiddominawh atturi mhux Ewropej, il-politiki Ewropej dwar l-edukazzjoni għandu jkollhom l-għan li jżommu t-talent fl-Ewropa, għandhom janalizzaw il-ħtiġijiet edukattivi tal-lum relatati mat-teknoloġiji tal-lingwa (inklużi l-oqsma u d-dixxiplini kollha involuti) u, fuq din il-bażi, jipprovdu linji gwida għall-implimentazzjoni ta' azzjoni konġunta u koeżiva fil-livell Ewropew, u għandhom iqajmu kuxjenza fost it-tfal tal-iskola u fost l-istudenti dwar l-opportunitajiet ta' karrieri fl-industrija tat-teknoloġiji tal-lingwa. inkluż fl-industrija tal-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-lingwa;

35. Huwa tal-fehma li materjali diġitali għat-tagħlim iridu jiġu żviluppati wkoll bil-lingwi minoritarji u reġjonali – ħaġa importanti mil-lat tan-nondiskriminazzjoni – jekk irridu nistabbilixxu l-ugwaljanza ta' opportunitajiet u ta' trattament;

36. Jirrileva l-ħtieġa li l-parteċipazzjoni dejjem akbar tan-nisa fil-qasam tal-istudji Ewropej dwar it-teknoloġiji tal-lingwa tiġi promossa bħala fattur deċiżiv fl-iżvilupp tar-riċerka u tal-innovazzjoni;

37. Jipproponi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-użu tat-teknoloġiji tal-lingwa fi ħdan l-iskambji kulturali u edukattivi bejn iċ-ċittadini Ewropej bħal Erasmus+, pereżempju l-Appoġġ Lingwistiku Online (OLS) ta' Erasmus+, bil-għan li jċekknu l-ostakli li d-diversità lingwistika tista' tirrappreżenta għad-djalogu bejn il-kulturi u għall-fehim reċiproku, b'mod partikolari fl-espressjoni bil-kitba u f'dik awdjoviżiva;

38. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw ukoll programmi ta' litteriżmu diġitali bil-lingwi minoritarji u reġjonali tal-Ewropa u jintroduċu taħriġ u għodod tat-teknoloġija lingwistika fil-kurrikuli tal-iskejjel, tal-universitajiet u tal-kulleġġi vokazzjonali tagħhom; jishaq fuq il-fatt, barra minn hekk, li l-litteriżmu jibqa' fattur sinifikanti u prerekwiżit assolut biex isir progress fl-inklużjoni diġitali tal-komunitajiet;

39. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jagħtu l-appoġġ meħtieġ lill-istituzzjonijiet edukattivi biex itejbu d-diġitalizzazzjoni tal-lingwi fl-UE;

***It-teknoloġiji tal-lingwa: benefiċċji sew għall-kumpaniji privati u sew għall-korpi pubbliċi***

40. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi sostnut l-iżvilupp ta' strumenti ta' investiment u ta' programmi li jaċċeleraw l-iżvilupp ta' kumpaniji ġodda li jkollhom l-għan li jkattru l-użu tat-teknoloġiji tal-lingwa fis-settur kulturali u kreattiv, b'konċentrazzjoni speċjali fuq komunitajiet li għandhom anqas riżorsi, u li jiġi inkuraġġut l-iżvilupp ta' kapaċitajiet tat-teknoloġiji tal-lingwa f'oqsma fejn is-settur ikun dgħajjef;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2018**

41. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' azzjonijiet u ta' finanzjament adatt bil-għan li jabilita lil SMEs u start-ups Ewropej u jagħtihom is-setgħa biex jaċċedu għat-teknoloġiji tal-lingwa u jużawhom faċilment billi jidħlu fi swieq u opportunitajiet ta' żvilupp ġodda, b'tali mod li jagħtu spinta lil-livelli ta' innovazzjoni tagħhom u lill-ħolqien tal-impjiegi;

42. Jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jqajmu kuxjenza dwar il-benefiċċji għall-kumpaniji, għall-korpi pubbliċi u għaċ-ċittadini mid-disponibilità online ta' servizzi, kontenuti u prodotti b'diversi lingwi, inklużi lingwi li jintużaw anqas, dawk reġjonali u dawk minoritarji, bil-ħsieb li jegħlbu l-ostakli lingwistiċi u jgħinu fil-ħarsien tal-wirt kulturali tal-komunitajiet lingwistiċi;

43. Jappoġġja l-iżvilupp ta' servizzi elettroniċi pubbliċi multilingwi fl-amministrazzjonijiet Ewropej, nazzjonali u, fejn ikun f'loku. dawk reġjonali u lokali b'teknoloġiji tal-lingwa innovattivi, inklussivi assistivi, li jnaqqsu l-inugwaljanzi bejn il-lingwi u l-komunitajiet lingwistiċi, jippromwovu aċċess ugwali għas-servizzi, jistimolaw il-mobilità tan-negozji, taċ-ċittadini u tal-ħaddiema fl-Ewropa u jiżguraw it-twettiq ta' Suq Uniku Diġitali multilingwi inklussiv;

44. Jitlob li l-amministrazzjonijiet fil-livelli kollha jtejbu l-aċċess għal servizzi u informazzjoni online b'lingwi differenti, speċjalment għas-servizzi f'reġjuni transfruntiera u għal kwistjonijiet relatati mal-kultura, u li jużaw it-teknoloġiji tal-lingwa b'xejn u open-source li diġà jeżistu, fosthom it-traduzzjoni awtomatika, l-għarfien tat-taħdit, it-taħdit mill-kitba u s-sistemi lingwistiċi intelliġenti, bħas-sistemi multilingwi għall-irkupru tal-informazzjoni, għall-ġenerazzjoni ta' sommarji u sunti, u għall-fehim tat-taħdit, biex itejbu l-aċċessibilità ta' dawk is-servizzi;

45. Jirrileva l-importanza tat-tekniki tal-estrazzjoni tal-informazzjoni mid-data u mit-testi għall-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-lingwa; Jissottolinja l-ħtieġa li l-kollaborazzjoni bejn l-industrija u s-sidien tad-data tissaħħaħ; jishaq fuq il-ħtieġa li l-qafas regolatorju jiġi adattat u li jiġi żgurat li r-riżorsi lingwistiċi jintużaw u jinġabru b'mod aktar miftuħ u interoperabbli; jinnota li informazzjoni sensittiva ma għandhiex tingħadda f'idejn kumpaniji kummerċjali u s-software tagħhom li huwa disponibbli b'xejn, peress li mhuwiex ċar kif dawn jistgħu jużaw l-għarfien li jiġbru, bħal fil-każ ta' data tas-saħħa;

o

o o

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.